MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2004

Numru 206/2003

Il-Pulizija
(Spettur Bernard Zarb)

Vs

Clayton Borg
Alan Cacciattolo

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Clayton Borg ta' karta numru ta' identita' 443483(M) u Alan Cacciattolo ta' karta numru ta' identita' 57983(M), akkuzat talli:

Fil-31 ta' Marzu 2002 u fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda:

Bhala ufficcjali jew impjegati pubblici illi, ghal xi vantagg priva taghhom ghamlu uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta’ kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi jkunu gew fdati lilhom minhabba l-kriga jew impieg taghhom, jew serquhom, u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Artikoli tal-Ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom dehrlu li tista tinstab htija jew htijiet kontra l-imputati.

Semghet il-prosekuzzjoni tiddikjara li ma kellix prova ohra xi tressaq stante l-ammissjoni tal-imputati.

Semghet lill-istes imputati jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom li fiha baqghu jinsistu anke wara li nghataw zmien jikkonsidraw.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

L-akkuza dedotta kontra l-imputati hi r-reat ta’ serq maghmula minn ufficjal jew impjegat pubbliku.

Illi ghandu f’dan l-istadju jgi puntwalizzat li ghalkemm ir-reat hu wiehed serju stante li jimmina direttament fuq il-fiducja li l-pubbliku ghandu jkollu fl-amministazzjoni l-ammonti f’dan il-kaz kienu minimi.

Illi stante l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tal-imputati l-Qorti jidhrilha li f’dan il-kaz ghandha tapplika l-Artikolu 22 tal-Kap 446 u tieqaf hemm.

Ghaldaqstant fil-waqt li fuq l-ammissjoni tal-imputati qeghda ssibhom hatja tar-reat dedotti kontra taghhom, wara li rat l-Artikolu 127 tal-Kap 9 qeghda tillibera lill-imputat taht l-Artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kundizzjoni li ma jghamlux reat iehor zmien sentejn mill-lum, oltre li tikkundanahom rispettivament li jhallsu l-ammont

ta'Lm59.80 lid-Dipartiment tas-Sahha u Lm72 zmien mhux oltre gimgha mill-lum..

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------